MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2004

Numru 68/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlo Ellul)**

**vs**

**Simon Attard**

**Illum 25 ta' Frar, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Simon Attard ta' 37 sena, iben Domenic u Mary nee` Buhagiar, imwieled il-Pieta fil-31.01.1967 u joqghod f'Numru. 444, 'Silver Dreams', Triq Mikiel Ang. Grima Pembroke detentur tal-karta tal-Identita` Nru. 075267M gie akkuzat talli:

Fl-14 ta' Gunju, 2003 u fis-snin ta' qabel bhala d-detentur tal-proprjeta "Gpysum" li jinsab fi Triq P.P. Mifsud il-Hamrun, jew bhala l-persuna illi kellu f'idejh l-imsemmi fond b'diversi atti maghmulin fi zminijiet li jiksru l-istess disposizjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

1) ikkommetta serq ta' kurrent tal-elittriku li jammonta ghal izjed minn Lm100 u anqas minn Lm1000 ghad-dannu tal-Korporazzjoni enemalta liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur, u aktar

2) talli ghamel hsara jew kisser parti mil-meter tal-eletriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew is-sigilli taghhom jew gumni wzati fil-provista tal-elettriku jew is-sigilli taghhom.

Il-Qorti giet mitluba li tapplika Art. 533 tal-Kap. 9.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali Dok. EC3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuzi.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li rega' gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta' llum li hu konsapevoli li l-imputat hallas dak kollu dovut lill-Korporazzjoni Enemalta u inoltre ddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Rat l-artikoli 18, 261(b), (c) u (f), 263(a), 264, 267, 270, 278(3), 280(2) u 326(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Simon Attard, fuq ammissjoni, hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-Fedina Penali ta' l-imputat u l-fatt li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta' llum li hu konsapevoli li l-imputat hallas dak kollu dovut lill-Korporazzjoni Enemalta u inoltre ddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija, tillibera lill-istess imputat taht il-provvediment ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum.

Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tapplika l-art. 533 tal-Kap. 9, il-Qorti rat li l-espert li gie nominat kien fl-Inkjesta u mhux fil-kawza u ghalhekk tichad it-talba.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Simon Attard l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------